KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 62 – IT-TNEJN 21 TA' AWWISSU 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**62.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

62.1.1 Ma kienx hemm.

**62.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

62.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (61) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

62.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 62.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

62.3.1 Ma kienx hemm.

## 62.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

62.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant se jkun qed iniedi Treasure Hunt edukattiv bil-karattri ta' *Sam the Explorer* u Bertu l-Ballotra. Informa li ġiet magħżula il-lokalità tal-Iklin proprju fil-Ġnien u l-playing ground ta' Pjazza Ninu Cremona. Ġie ppreżentat logo ta' dan il-proġett u ġiet iffissata d-data tas-6 ta' Ottubru għat-tnedija ta' Regional Treasure Hunt. Ġiet żviluppata ActionBound App u l-parteċipanti jistgħu ikunu kemm tfal u wkoll kbar fl-età. Il-parteċipanti se jkunu qed ifittxu *landmarks* li nsibu fil-lokalitajiet kollha fi ħdan ir-Reġjun. Is-Sindku informa li l-attività se tkun qed issir bil-kollaborazzjoni ta' Iklin Scout Group.

62.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienet tlestiet bankina ġdida fi Triq Ġużè Ellul Mercer ma' Triq Dun Karm, xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Public Works u fejn il-Kunsill ħallas biss għall-ispejjeż tal-materjali skont l-MoU. Is-Sindku qal li sar titjib fl-infrastruttura u rringrazzja pubblikament lill-ħaddiema tal-Public Works għax-xogħol li sar.

62.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ħabbar li l-Kunsill Reġjonali Lvant se jkun ir-Reġjun tal-Kultura 2024 u se ssir konferenza skedata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Awwissu fl-10.00a.m. biex jitħabbru d-dettalji li għaliha huma mistednin jattendu s-Sindku u l-Kunsillier responsabbli mill-Kultura.

Is-Sindku u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Bernice Farrugia se jkunu qed jattendu għal din il-konferenza.

62.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Aġenzija Infrastructure Malta għaddiet *schematics* lill-Uffiċċju tal-Kunsill dwar il-programm tat-toroq ippjanati li jsiru fi Triq Stefano Erardi, Triq il-Klin, Triq il-Ħarruba u Triq il-Plejju.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill ta l-*greenlight* biex l-Aġenzija tkun tista tħejji l-Akkwist Pubbliku u jipproċedu bl-asfaltar tal-imsemmija toroq.

Is-Sindku informa li Triq Ġużè Pesci sa Triq Alfons Marija Galea kellha tkun l-ewwel proġett ta' din is-sena però sallum ix-xogħlijiet kienu għad ma bdewx minħabba xi raġuni jew oħra. Il-Kunsill se jkun qed isegwi mill-qrib mal-Aġenzija Infrastructure Malta dwar il-bidu ta' dan il-proġett tant mistenni mill-Kunsill. Is-Sindku fakkar li kien il-Kunsill li kien ippropona t-titjib infrastrutturali tal-imsemmija toroq.

62.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien eliġibbli għall-iskema li ħareġ id-Direttorat dwar CleanUp Day campaign 2023. Is-Sindku informa li l-CleanUp ġiet skedata għal nhar is-Sibt 23 ta' Settembru fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu. Għal sena oħra, il-Kunsill ser ikollu lill-Iklin Scout u Lija/Iklin Football Youth Academy li ser ikunu qed jipparteċipaw waqt din il-kampanja.

Semma wkoll li qed jipprova jistieden lill-Public Cleansing Department sabiex jikkollaboraw matul din il-kampanja bl-ideja li l-ħaddiema tal-Public Cleansing jingħaqdu mall-voluntieri bil-ħsieb li nibnu relazzjoni tajba bejn il-ħaddiema tal-Public Cleansing u l-komunità tal-Iklin. Qed jaħseb ukoll jekk għadux jeżisti l-karattru ta' Xummiemu bl-ideja li noħolqu aktar għarfien dwar l-ambjent ta' madwarna u l-importanza li l-ambjent ta' madwarna jinżamm nadif. Dawn huma kollha idejat li għad iridu jiġu diskussi mall-Public Cleansing Department u naraw id-disponibbiltà tagħhom.

62.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li kien importanti li nibdew naħsbu fuq il-programm tal-Milied għaliex iż-żmien jibda joqrob u jkun tajjeb li jitfassal programm għal din is-sena. Semma s-suċċess tal-banda li ġiet mistiedna s-sena li għaddiet għall-ewwel darba li ntlaqgħet tajjeb ferm mill-komunità tal-Iklin u jkun tajjeb li terġa tiġi kkunsidrata fil-programm tal-festi natalizji ta' din is-sena. Kien deċiż li nikkonfermaw id-data tas-7 jew it-12 ta' Diċembru li jaħbtu lejliet żewġ festi. Is-Sindku ikkonkluda li rridu nitkellmu wkoll mall-Kappillan biex nikkollaboraw mall-Parroċċa dwar l-attivitajiet l-oħra li jsiru fosthom il-purċissjoni tradizzjonali u attivitajiet oħra għal żmien il-Milied.

62.4.7 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar komunikazzjoni li rċieva l-Uffiċċju tal-Kunsill minn Doninu Malta.

Is-Sindku informa li kien tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-korrispondenza li kienet waslet permezz ta' email. Żied jgħid li l-lingwaġġ użat fl-imsemmija email ma' jaħsibx li huwa l-aħjar mod biex tattira lill-Kunsill jikkollabora u jagħti l-appoġġ meħtieġ.

L-approċċ ta' kif wieħed jikteb u jitkellem mall-Uffiċċju tal-Kunsill u anke mall-politiku kien wieħed żbaljat u s-Sindku deherlu li għandu jirrikorri saħansitra għand il-pulizija biex jinfurmah b'dan.

## 62.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

62.5.1 Ma kienx hemm.

## 62.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

62.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-13 ta' Lulju u s-17 ta' Awwissu 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (13 July - 17 August 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 241 | 14/7/2023 | Van FAW871 abbandunat bil-liċenzja skaduta fi Triq May Butcher. Tkellimna mall-Puluzija (Surġent tan-Naxxar) u skont il-puluzija l-infurzar isir mill-Kunsill. | pending | Triq May Butcher | **Police** |
| 242 | 18/07/2023 | Ilment rigward dawl ivarja fil-voltage fi Triq il-Klin | Pending | 65, St Michael's Triq il-Klin | **Enemalta** |
| 243 | 18/07/2023 | Ilment rigward dawl ivarja fil-voltage fi Triq il-Klin | Pending | 65, St Michael's Flat 3, Triq il-Klin | **Enemalta** |
| 244 | 18/07/2023 | Ilment rigward dawl ivarja fil-voltage fi Triq il-Klin | Pending | 65, St Michael's Flat 2, Triq il-Klin | **Enemalta** |
| 245 | 18/7/2023 | Ilment rigward Aria club ma joħorġux bins waqt xi avveniment u nies iħammġu barra fit-triq. Barra minn | Pending | Triq Ħal Għargħur | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | hekk iħammġu quddiem ir-residenti li joqgħodu f'dik l-area. | | | |
| 246 | 18/7/2023 | lment rigward Aria Club l-avvenimenti jibqgħu għaddejjin sa 4 ta' filgħodu bil-mużika qawwija. | Pending | Triq Ħal Għargħur | **Council** |
| 247 | 18/07/2023 | Ilment rigward ħaxix mhux jinqata' fi Triq Erin S Inglott c/w Triq Ħal Għargħur | Pending | Triq Erin S Inglott-Triq Ħal Għargħur | **Cleansing** |
| 248 | 18/07/2023 | Ilment rigward ġrieden fl-għalqa fi Triq K. Vassallo | Settled | Triq K. Vassallo | **HEALTH** |
| 249 | 19/07/2023 | Tappieri iħabbtu quddiem 92, Triq il-Wied | Settled | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 250 | 20/07/2023 | *Diversion* ta' vetturi tal-linja għal Triq il-Plejju bil-konsegwenza li tal-linja ġarrbet ħsarat. | pending | Triq il-Plejju | **TM** |
| 251 | 20/07/2023 | Ilment rigward bozza mall-ħajt maqtugħa fi Triq R. Taylor fuq in-numru 28 Little Star | Settled | Triq R. Taylor | **Contractor** |
| 252 | 20/07/2023 | Talba biex jinżabar xi qasab u speċi ta’ siġra tina fi Triq il-Wied | Settled | Triq il-Wied | **Council** |
| 253 | 22/07/2023 | Bozza mall-ħajt mhux tixgħel fejn KD apt. Triq Pawlu Grech | Settled | Triq Pawlu Grech | **Contractor** |
| 254 | 24/7/23 | Gutter tal-katusa tal-bejt fuq il-bankina imkissra ta’ residenza Parakeelya 12, Triq Ġużè E Mercer. Handyman tkellmu mar-residenti | pending | 12,Triq Ġużè Mercer | **Resident** |
| 255 | 27/07/2023 | Hemm service box tal-GO imkissra fuq bankina quddiem 151, Triq il-Wied. Qegħda perikoluża | Settled | 151, Triq il-Wied | **GO plc** |
| 256 | 28/07/2023 | Reġgħet tkissret il-kurduna tal-bankina fi Triq il-Għargħur c/w Giarda Lane | Pending | Triq il-Għargħur c/w Sqaq Giarda | **Council** |
| 257 | 28/07/2023 | Triq il-Għargħur għandha bżonn titnaddaf għax fiha ħafna ħmieġ u ħaxix | Pending | Triq il-Għargħur | **Cleansing** |
| 258 | 27/07/2023 | Talba għal kinsa fi Triq Ċ Bugeja c/w Triq S Erardi | pending | Triq Ċ Bugeja | **Cleansing** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 259 | 28/07/2023 | Talba għal kinsa fi Triq E S Inglott | pending | Triq E S inglott | **Cleansing** |
| 260 | 28/07/2023 | Water leakage quddiem 21, Triq E S inglott | pending | Triq E S Inglott | **WSC** |
| 261 | 29/07/2023 | Ilment rigward ġrieden fi Triq P P Saydon | Settled | Triq P P Saydon | **HEALTH** |
| 262 | 14/07/2023 | Trakkijiet ipparkjati fuq bankina u jwaddbu l-ġebel mill-gallarija għal isfel | closed | Triq Ġużè Galea | **Council** |
| 263 | 28/07/2023 | Ilment dwar skip ġo *drive in* fi Triq il-Mużika mikxufa | closed | Triq il-Mużika | **Police** |
| 264 | 31/07/2023 | Ilment rigward li mhux tinkines u ħaxix mhux jinqata' fi Triq Erin S Inglott, il-fuq lejn Zarb Coaches | Pending | Triq Erin S Inglott | **Cleansing** |
| 265 | 31/07/2023 | Fid-daħla tal-garaxxijiet fi Triq Mons P.P. Saydon hemm ħafna ħmieġ. Ilha ħafna ma' titnaddaf | settled | Triq Mons P.P. Saydon | **Cleansing** |
| 266 | 31/07/2023 | Bozza mitfija fuq arblu quddiem residenza 4, fi Triq Frederick Borg. | pending | Triq Frederick Borg | **Enemalta** |
| 267 | 31/07/2023 | Water leakage qed joħroġ mit-tarmak fit-toroq Triq Erin S Inglott, Triq May Butcher u Triq P Grech | pending | Triq Erin S Inglott, Triq May Butcher, Triq Dott. P Grech | **WSC** |
| 268 | 31/07/2023 | Rapport dwar boroż suwed mitfugħin quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Ġ Abos | settled | Triq Ġeronimo Abos | **Cleansing** |
| 269 | 31/07/2023 | Din ir-residenta qed tilmenta li hemm blokka ta' appartamenti fi Triq Anton Buttigieg u ta' kemm il-darba qed joħorġu skoss boroż suwed matul il-lejl u jħalluhom mad-dar tagħha. | closed | Triq Anton Buttigieg | **Council** |
| 270 | 31/07/2023 | Din ir-residenta qed tilmenta li l-klieb qed iħammġu l-ħamrija li hemm f'Wesgħa Lewis JB Scicluna. Qed ikun hemm ħafna ntejjen | pending | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **Council** |
| 271 | 02/08/2023 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Ċensu Bugeja | Settled | Triq Ċ Bugeja | **Sanità** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 272 | 03/08/2023 | Ilment dwar żrar fit-triq, mar-roundabout tal Maypole | settled | Triq Ġ Abos | **Cleansing 1718** |
| 273 | 03/08/2023 | Bozza itteptep fuq arblu quddiem residenza 31, Triq in-Namur. | settled | Triq in-Namur | **Enemalta** |
| 274 | 04/08/2023 | Bozza mitfija fuq arblu Triq il-Ħwawar | pending | Triq Ħwawar | **Enemalta** |
| 275 | 04/08/2023 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Ġ Curmi | Settled | Triq Ġ Curmi | **Sanità** |
| 276 | 04/08/2023 | Ilment rigward Service provider Triq Ħal Għargħur jaħslu l-coaches u t-triq tiġi kollha ilma u periklu għas-sewqan | pending | Triq Ħal Għargħur | **Police** |
| 277 | 04/08/2023 | Talba biex kaxxa bajda issir safra fi Triq Ċensu Bugeja | pending | Triq Ċensu Bugeja | **Council** |
| 278 | 08/09/2023 | Talba għal refresh taz-zebra cross fi triq il-Wied | Pending | Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 279 | 10/08/2023 | Talba għal double yellow lines fejn garaxxijiet fi Triq L. F. Mizzi | Pending | Falzon Crt Triq L.F. Mizzi | **Council** |
| 280 | 10/08/2023 | Skip b'irwejjah ta' skart fi Triq il-Ħarruba | Pending | Triq il-Ħarruba | **Council** |
| 281 | 08/11/2023 | Xatba perikoluża ta' żvilupp ta' bini fi Triq il-Mużika | pending | Triq il-Mużika | **Police** |
| 282 | 08/12/2023 | Talba biex issir MC bay fi Triq L F Mizzi | pending | Triq L F Mizzi | **Council** |
| 283 | 14/08/2023 | Talba biex jinqatgħu is-siġar fi Triq AM Caruana | pending | Triq A. M. Caruana | **Council** |
| 284 | 16/08/2023 | Talba biex titnaddaf Triq G. Bonnici c/w Dun Karm minn weraq u ħmieġ | Pending | Triq Ġ Bonnici c/w Dun Karm | **Cleansing** |
| 285 | 17/08/2023 | Talba biex titnaddaf Triq Ġ. Calleja | Pending | Triq Ġ Calleja | **Cleansing** |

**62.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

62.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

62.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

62.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Bernice Farrugia.

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Servizz ta' manutenzjoni, tindif u waterproofing permezz ta' liquid membrane fuq il-bejt tas-Sala tal-Kunsill mingħand il-fornitur Emanuel Galea għall-prezz ta' Eur5,900.00 VAT inkluż;

2. Servizz ta' perizja għall-monitoraġġ u *Quality Control* fuq xogħlijiet li ser isiru fuq il-bejt tas-Sala tal-Kunsill mingħand il-fornitur il-Perit Christian Briffa għall-prezz ta' Eur150 VAT inkluż;

**62.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

62.8.1 Applikazzjoni PA 04840/23 – Reve, Triq Ġeronimo Abos L-Iklin 'Proposed demolition of existing dwelling and construction of apartment block with (3) apartments and (1) penthouse, underlying Class 4B unit and a basement garage. Proposal includes also a proposed sign at ground floor level.

62.8.2 Applikazzjoni PA 04631/23 – 80 Triq San Mikiel L-Iklin 'To propose the change of use from a garage to a shop (Class 4B).

62.8.3 Applikazzjoni PA 04690/23 – Mcsims 109, Triq Ġeronimo Abos L-Iklin ‘Change of use from Class 4B (retail) to take-away including changes to signage and front door, alterations in front porch and installation of louvre encased a/c unit in front porch.

62.8.4 Applikazzjoni PA 03303/23 – 16, Triq Ġużè Ellul Mercer, L-Iklin ‘To demolish one filata from balconies. To construct retractable canopy and 7 courses at the front of the penthouse.

62.8.5 Applikazzjoni PA 01344/23 – 9, Paradiso, Triq Ġwann Mamo L-Iklin ‘Sanctioning of maisonette as built (previously approved by PB6188/81.

## 62.9 POST MORTEM TAL-ATTIVITÀ ‘IKLIN ROCKS THE NIGHT AWAY’ GĦALL-KOMUNITÀ TAL-IKLIN

62.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-kunċert li rnexxielu jtella l-Kunsill b’suċċess fl-ispazju miftuħ ta’ Triq San Mikiel. L-attendenza kienet waħda numeruża u l-*performance* kienet waħda impekkabbli.

Is-Sindku irringrazzja lir-residenti li jgħixu fil-madwar, lill-istabbilimenti kummerċjali li għenu lill-Kunsill b’kull mod jew ieħor, u lil dawk kollha li pprovdew xi forma ta’ servizz qabel, waqt u wara dan l-avveniment. Fl-aħħarnett, irringrazzja lill-Kunsillieri u lill-amministrazzjoni tal-Kunsill għall-ħidma kbira li saret minkejja l-limitazzjoni ta’ riżorsi. Kompla billi qal li r-residenti li attendew għal dan il-kunċert kienu ferm sodisfatti anke mill-kummenti li tefgħu fuq il-mezzi soċjali. Fl-aħħarnett, is-Sindku irringrazzja lill-Kunsill Reġjonali Lvant ta l-opportunità ta’ fondi li l-Kunsill irnexxielu jikseb bl-ammont ta’ Eur13K li marru għal din l-ispiża. Sintendi l-ispiża telgħet ferm aktar minn hekk u l-Kunsill ried jassorbi l-kumplament tal-ispiża.

62.9.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit faħħar lill-amministrazzjoni b’mod speċjali b’apprezzament speċjali lejn is-Segretarju Eżekuttiv li kien tista tgħid il-moħħ wara l-organizazzjoni ta’ dan l-avveniment.

62.9.3 Il-Kunsillier Bernice Farrugia għaddiet ukoll kummenti pożittivi dwar l-organizazzjoni u stqarret li kienet ferm sodisfatta bil-parteċipazzjoni tal-pubbliku li attenda għal dan il-kunċert.

62.9.4 Il-Kunsillier Godwin Catania għadda vot ta' ringrazzjament lejn l-amministrazzjoni tal-Kunsill għaliex avveniment ta' din ix-xorta jitlob ħafna xogħol amministrattiv b'laqgħat mall-awtoritajiet u entitajiet oħra biex seta jittella dan il-kunċert live għall-ewwel darba f'din iż-żona tal-Iklin.

62.9.5 Fl-aħarnett, is-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillieri tal-kumplimenti tagħhom u qal li huwa jħossu doveruż li jaqdi d-dmirijiet tiegħu tax-xogħol bl-akbar impenn u b'mod responsabbli.

## 62.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-ĠUN 2023

62.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta r-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart ta' din is-sena minn Jannar sa Ġunju.

62.10.2 Fin-nuqqas tal-Accountant tal-Kunsill li inzerta indispost ippreżenta r-rapport finanzjarju s-Segretarju Eżekuttiv fejn ta *overview* dwar l-immaniġġjar tal-finanzi u ppreżenta *Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position* u *Depreciation of Property, Plant and Equipment*.

62.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li d-deprezzament għall-ewwel sitt xhur tas-sena kien jammonta għal Eur18,818, l-Administration costs kienu jlaħħqu il-figura ta' Eur36,429 filwaqt li l-ispiża tal-Operations & Maintenance laħħqet iċ-ċifra ta' Eur109,999. L-ispiża tas-salarji, l-Onorarja tas-Sindku u l-allowances tal-Kunsillieri telgħet għal Eur51,484. Ikkonkluda li l-Financial Performance għall-ewwel sitt xhur tas-sena qed juri li hemm defiċit ta' Eur(15,818).

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill għandu jirċievi dħul ta' madwar Eur24K li għandhom ikunu riflessi fir-rapport finanzjarju fit-tielet kwart ta' din is-sena u ċertament ser itejjeb il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill.

Kien qed jirriferi għal Eur13K li l-Kunsill ser jirċievi mill-Kunsill Reġjonali Lvant għall-avveniment li sar f'Lulju li għadda u Eur11K li l-Kunsill għandu jirċievi mid-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy in konnessjoni mall-attività kulturali Festa Fjuri li ġiet organizzata f'Mejju 2023.

62.10.4 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

62.10.5 Is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-ewwel sitt xhur tas-sena.

62.10.6 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

**62.11 POST MORTEM FESTA TAS-SALVATUR 2023**

62.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li minħabba l-elementi tat-temp, il-Kunsill kellu jerġa jagħmel l-arranġamenti neċessarji dwar l-immaniġġjar tat-traffiku mal-Aġenzija LESA peress li l-festa ġiet posposta għal nhar id-9 u l-10 ta' Awwissu.

B'effett ta' dan, il-Kunsill kellu jidħol fi spejjeż addizzjonali peress li l-organizzaturi infurmaw tard bid-deċiżjoni li jikkanċellaw il-programm pirotekniku.

62.11.2 Rigward l-indafa pubblika, is-Sindku Dott. Sciberras qal li l-Kunsill kellu kritika għaliex it-tindif ma sarx eżattament wara li spiċċat l-attività. Is-Sindku kkonferma li t-tindif sar l-għada filgħodu fiż-żona ta' Triq San Mikiel u t-toroq immedjati u sa 1200hrs, it-toroq ġew lura għan-normal. Dan minkejja li l-Kunsill kien antiċipa u għamel l-arranġamenti mall-Cleansing and Maintenance Division billi ipprovda numru ta' *wheelie bins* biex il-pubbliku jkun jista jiddisponi mill-iskart.

Ikkonkluda li s-sena d-dieħla jerġgħu jsiru diskussjonijiet biex is-servizz tal-indafa jsir preċiżament wara li tintemm l-attività piroteknika.

62.11.3 Il-Kunsillier Godwin Catania qal li għall-festa ta' din is-sena, il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li jintroduċi l-*mobile toilets* fi Triq San Mikiel a spejjeż tal-Kunsill biex il-pubbliku jkun moqdi.

62.11.4 Il-Kunsillier Emanuel Zammit stqarr li l-Kunsill ħafna mid-drabi jispiċċa jiġi kkritikat għal nuqqasijiet li jwettaq ħaddieħor. F'dan il-każ, il-Kunsill ħa l-inkarigu li jipprovdi servizzi addizzjonali tal-indafa u jikkordina l-immaniġġjar tat-traffiku għall-attività tal-festa u dan kollu a spejjeż tal-Kunsill.

**62.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

62.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 18 ta' Settembru 2023 fil-5.30 p.m.

62.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Settembru 2023 fil-5.30 p.m.

62.12.3 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo infurmat lill-preżenti li kienet qed tippjana li tiġi organizzata Ħarġa kulturali bil-kollaborazzjoni ta' Nanniet Malta nhar l-14 ta' Settembru ġewwa l-Palazz tal-Inkwiżitur. *Nem con*.

62.12.4 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.05 p.m.

IFFIRMAT IFFIRMAT

**Dr. Dorian Sciberras** **Etienne Montfort**

Sindku Segretarju Eżekuttiv